**15 ta' Gunju 1965**

**Imhallef:**

**Onor. Dr. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Rosario Pulis

*versus*

Benigno Gatt

**Appalt — Revoka — Telf ta' Qligħ — Art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta l-appaltant iwaqqaf lill-appaltatur milli jkompli x-xoghol, dan ghandu dritt ukoll ghall-kumpens li hu mholli fid-deskrizzjoni tal-Qorti, b'dana li m'ghandux jeccedi l-Profitti li l-appaltatur kien jaghmel bl-appalt.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li l-konvenut inkariga lilu jagħmillu *xogħol ta' kostruzzjoni* ta' flats u garages f'Borg Street, Fleur de Lys, Birkirkara, skond skrittura tat-2 ta' April, 1960 (Dok A); illi l-attur beda jagħmel dan ix-xogħol u kien laħaq għamel ħafna mill-kostruzzjoni ta' dawn il-postijiet, meta l-konvenut għall-ebda raġuni valida, irrevokalu l-mandat u ma ħalliehx ikompli jaħdem; illi l-attur, b'ittra uffiċjali tat-28 ta' Marzu, 1960 interpella lill-konvenut biex jiddikjara jekk huwa sejjer iħallih ikompli x-xogħol u fin-nuqqas interpellah iħallas tax-xogħol kollu li kien għamel, flimkien ma kumpens skond l-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili, illi l-konvenut ma rrisponda xejn, anzi kompla x-xogħol hu stess talab li dina l-Qorti okkorrendo permezz ta' periti nominandi tordna l-likwidazzjoni tal-ispejjeż kollha u tal-valur tax-xogħol kollu li l-attur laħaq għamel kif fuq imsemmi, flimkien ma somma oħra dovuta lill-attur bħala kumpens imħabba li l-konvenut irrevoka l-inkariku li hu kien ta lill-attur, u tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attur dawn l-ammonti fuq imsemmija likwidati favur tiegħu — bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż.

OMISSIS:

Tikkunsidra illi l-perit wasal għall-konklużjoni illi kien il-konvenut li neħħa l-appalt lill-attur u li l-profitt li l-attur kien jistenna li jagħmel mill-appalt kollu kien jilħaq, £507 jiġifieri għaxra fil-mija (10%) fuq il-valur tal-ġebel u soqfa ta' ħames postijiet ammontanti b'kollox għal £5073;

OMISSIS:

Stabbilit li kien hemm appalt mill-konvenut lill-attur għall-bini tal-ġebel u tas-soqfa tal-ħames postijiet indikati fil-pjanta X mill-ħajt "TX" għall-faċċata "ZY" kif spjega l-perit fir-relazzjoni tiegħu (fol. 72) irid jiġi stabilit jekk dana l-appalt ġiex revokat ad opera tal-attur mingħajr ebda raġuni valida u dana jirriżulta affermattivament wkoll mix-xhieda tal-attur u tal-istess konvenut. Dana nfatti ammetta li kien veru li darba kien qal lill-attur biex ibiddlu l-ftehim, mhux biss imma ddikjara wkoll li ppropona lill-attur li jċedi biċċa mix-xogħol lil ibnu, kif diġa ntqal qabel, u li l-attur aċċetta billi biss talbu rigal. Anke dana jaqbel perfettament ma dak li xehed l-attur li l-konvenut ipproponielu li jċedi parti mix-xogħol għaliex kien għamel paċi ma' ibnu u li huwa aċċetta jekk itih rigal. Dina però m'hix raġuni biżżejjed biex jiġi maħlul l-appalt impunement.

Il-konvenut xehed li kien l-attur li telaq u telaq mhux għaliex huwa ried ibiddillu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u mħabba li riedu jċedi biċċa mix-xogħol lil ibnu, imma telaq minn rajh għaliex ma riedx iħallsu tal-aħħar ġimgħa għaliex sab li kien tah iż-żejjed. Imma anqas dan m'huwa sorrett mill-provi. Il-konvenut esebixxa n-note book miktub mill-istess konvenut li minnu jirriżulta li għax-xogħol tal-pedamenti huwa kellu jieħu £234.12.0 u fil-waqt li huwa ħa biss £195 għal-hekk tax-xogħol preparatorju l-konvenut kien anzi debitur lejn l-attur. L-attur spjega li meta ra li l-konvenut kien beħsiebu jaqilgħu barra mix-xogħol huwa assigura xogħol ieħor biex ma jibqax bla xogħol u jidher li allura l-konvenut approfitta biex igħid li kien l-attur li telaq minn rajh għaliex sab xogħol ieħor.

Kwantu għall-profitt .. seta' għamel l-attur dana mill-perit ġie stabilit għall-għaxra fil-mija (10%) fuq il-prezz tax-xogħol ammontanti għal £5073, jiġifieri, għalhekk profitt ta' £507. Id-dettalji li fuqhom mexa l-perit biex wasal għal dan

iċ-ċifri huma mogħtija fl-aħħar paġina tar-relazzjoni fol. 73 tal-proċess.

Tikkunsidra illi skond l-artikolu 1734 tal-Kodiċi Ċivili l-kumpens *li għandu jiġi fissat mill-Qorti* ma *jistax jeċċedi l-*profitti li l-appaltatur seta' jagħmel bl-appalt. Dana jfisser li l-fissazzjoni tal-kumpens hija *mħollija fid-diskrezzjoni* tal-Qorti purkè ma tiċċediex il-maximum fissat mill-liġi. Il-Qorti tara li f'dan il-każ *in* vista li l-attur sostanzjalment ma tilef ebda xogħol billi ħa ħsieb minn kmieni li jkollu xogħol ieħor f'idejh u billi ma ġieb ebda provi li sofra xi danni partikolari, kumpens kalkolat bil-ħamsa fil-mija (5%) fuq il-valur tax-xogħol kollu huwa xieraq. Il-Qorti żammet wkoll quddiem għajnejha li biex l-attur jagħmel il-profitt tal-għaxra fil-mija (10%) kif likwidat mill-perit kien ikollu jirriskja u jitħabat billi jaħdem huwa stess u jissorvelja *n-nies u jisborża flus* wkoll mentri l-kumpens li sejjer jieħu sejjer ikun "rigal" kif huwa stess kien ippretenda meta l-attur talbu biex iċedi mix-xogħol lil ibnu. Ma dan il-kumpens li għalhekk jammonta għal £253.10.0 għandu jiżdied il-bilanċ tax-xogħol tal-pedament li l-konvenut għadu ma ħallasx lill-attur ammontanti £39.12.0 li jirriżultaw minn note book preparat mill-konvenut stess; għalhekk b'kollox jiġi li l-konvenut għandu ħallas l-ammont ta' mitejn tlieta u disgħin lira u żewġ xelini (£293.2.0) lill-attur. Għalkemm l-attur għamel *ukoll xogħol ta' irdim* għall-pedament ma jidhirx illi qiegħed jitlob kumpens tiegħu kif jidher mill-istess nota tiegħu *fol. 89.*

Għaldaqshekk tiddeċiedi billi tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur l-ammont fuq likwidat ta' mitejn tlieta u disgħin lira u żewġ xelini (£293.2.0) bl-imgħax kummerċjali mill-ġurnata tas-sentenza u f'dan is-sens tipprovdi fuq it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra l-konvenut.